**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Appell Nru: 96/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Paul Xerri**

**Mark Cutajar**

**Aaron Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellati, Paul Xerri, detenturtal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 11862G, Mark Cutajar, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 12977G u Aaron Camilleri detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru 4480G, akkużatiquddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta' Novembru 2008 kmieni filgħodu għall-ħabta ta' bejn is-02:00hrs u 04:00hrs, ġewwa l-Qala:

a) **Mark Cutajar waħdu** talli bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Amanda Parisa Antolini, liema delitt sar bi ħsara ta'

persuna li ma kinitx tista’ tirreżisti minħabba raġuni oħra indipendenti mill-għemil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom (Art. 198, 201b, 202d tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta):

b) **Paul Xerri** u lil **Aaron Camilleri** talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kkommettew attentat vjolenti għall-pudur li, fih innifsu ma kienx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmati jew attentati msemmija fl-artikoli 198 sa 206 tas-sub-titolu II fuq id-delitti kontra l-paċi u l-unur tal-familja u kontra l-morali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Kontra **Paul Xerri, Mark Cutajar** u**Aaron Camilleri:**

c) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi rrendew ruhhom kompliċi fl-istupru ta’ Amanda Parisa Antolinibilli għad li ma kienx wieħed mill-persuni msemmija fl-Artikoli 42 (a), (b), u (c), b’xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tal-istess stupru fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat {Art. 42 (d)};

d) Ukoll talli bla ordni skont il-liġi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lill-imsemmija Amanda Parisa Antolinikontra l-volonta’ tagħha, liema delitt sar bħala mezz sabiex hija tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew joqogħdu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom (Art. 86 & 87 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta);

e) u fl-aħħar nett offendew il-pudur jew il-morali b’għemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost għall-pubbliku. 4

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta’ tal-imsemmija Amanda Parisa Antolini u l-familji tagħha, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tagħmel Ordni ta’ Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u dan a terminu tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta’ Frar, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u ċioe’ l-Artikoli 42(d), 86, 87 (1) ( g), 198, 201 (b), 207 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ddikjarat li ma ssibx lill-imputati

Aaron Camilleri, Mark Cutajar u Paul Xerri ħatja u lliberathom minn kull imputazzjoni u piena.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3ta'Marzu, 2017, fejn talab lill-din il-Qortitħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib ħtija kontra l-appellati għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi.

**4.** Rat li fis-seduta ta' din il-Qorti tal-21 ta' Luju 2017 l-imputati appellati eċċepew in-nullita' tal-appell tal-Avukat Ġenerali (a) in kwantu fuori termine (b) in kwantu preżentat fir-reġistru ta' Malta u mhux ta' Għawdex u dan a tenur tal-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali u SL 9.09 partikolarment ir-regolament 4(1)(2).

**5.** Fis-seduta msemmija id-difiża ttrattat l-eċċezzjonijiet imsemmija. In kwantu għall-ewwel eċċezzjoni invokat is-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Pulizija v Alexander Cachia Zammit tad-9 ta' Novembru, 2009, fl-ismijiet Pulizija v Biagio Muscat tal-14 ta' Novembru 2013 u fl-ismijet Pulizija v Steven John Ciantar Barbara tas-26 ta' Marzu 2015. Dakinhar il-prosekuzzjoni talbet żmien sabiex tagħmel nota tal-osservazzjonijiet u l-Qorti laqgħet it-talba b'dan li n-nota kellha tkun bil-visto tal-kontropartijiet li jkollhom ġimgħatejn żmien għar-risposta.

**6.** L-Avukat Ġenerali ppreżenta n-nota tiegħu fl-24 ta' Awwissu 2017 wara li ġie awtorizzat jippreżentha wara t-terminu prefiss. L-appellati ippreżentaw in-nota' risponsiva tagħhom fis-7 ta' Settembru 2017.

**7.** Għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni d-difiża bdiet biex issostni li l-Avukat Ġenerali kien irċieva l-atti tal-kawża fl-14 ta' Frar 2017 iżda fil-kors tat-trattazzjoni kkonċedew li fil-fatt l-Avukat Ġenerali kien irċieva l-atti fil-15

ta' Frar 2017. B'danakollu, d-difiża xorta insistiet li l-appell tal-Avukat Ġenerali kien *fuori termine* għaliex sostnew li skont is-sentenzi minnhom ċitati it-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti u mhux mill-għada.

**8.** Il-Qorti kienet piuttost perplessa b'din l-eċċezzjoni u kienet tirriteniha frivola u vessatorja li kieku ma kienx għas-sentenzi ċitati mid-difiża u dan għaliex ilu żmien twil stabbilit li kemm fi proċeduri ċivili kif ukoll fi proċeduri penali *dies a quo non computatur in termino*. Dan hu hekk mhux biss bħala prinċipju iżda wkoll bħala norma legali tant li l-artikolu 102 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivilijipprovdi li "Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħoddminn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħlaf'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddxbħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika." Dan l-artikolu hu wkoll applikabbli għall-proċeduri penali bl-artikolu 520(1)(b) tal-Kodiċi Kriminalisakemm l-istess Kodiċi ma jkunx jipprovdi xort'oħra.

**9.** Mis-sentenza Pulizija v Alexander Cachia Zammit et jirriżulta li l-Avukat Ġenerali kien irċieva l-atti fis-27 ta' Marzu 2009 u l-Qorti rriteniet li l-appell kellu jiġi preżentat <u>mhux aktar tard</u> mid-9 ta' April, 2009. Dan jista' jfisser biss illi l-Qorti kienet tirritjeni li kieku l-appell ġie preżentat fid-9 ta' April 2009 kien ikun fil-ħin.Meta jittieħed qis li t-28 u d-29 ta' Marzu u l-4 u l-5 ta' April kienu Sibtijiet u Ħdud waqt li t-31 ta' Marzu kienet festa pubblika dan ifisser li dik il-Qorti ma għaddietx id-*dies a quo* fit-terminu, u dan kif previst, kif ingħad, mil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u mill-Kodiċi Kriminali u għalhekk konformement mal-liġi.

**10.** Dik il-Qorti, iżda, preseduta mill-istess Imħallef li ppresjeda s-sentenzi l-oħra fuq ċitati, f'dak il-każ ta' Pulizija v Alexander Cachia Zammit, xorta kienet żbaljata meta rriteniet li l-appell tal-Avukat Ġenerali

kien “nettament fuori termine” meta dan ġie preżentat fit-13 ta’ April 2009.

**11.** Di fatti, l-jum tad-9 ta’ April 2009 kien il-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa u għalhekk dakinhar ir-reġistru kien magħluq għall-preżentata ta’ l-atti ġudizzjarji[1]u konsegwentement it-terminu għall-preżentata tal-appell mill-Avukat Ġenerali kellu, skont l-artikolu 108 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, applikabbli għall-proċeduri penali bl-artikolu 520(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, jitqies li jiskadi fil-jum minnufih wara, li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem. Il-jum minnufih wara kienet il-Ġimgħa l-Kbira, li hi festa pubblika[2]u għalhekk ir-reġistru kien magħluq għall-preżentata ta’ l-atti ġudizzjarji[3]. Għaldaqstant l-appell tal-Avukat Ġenerali kien jiskadi it-Tnejn ta’ wara fit-13 ta’ April 2009[4] u s-sentenza Pulizija v Alexander Cachia Zammit et hi għalhekk xorta żbaljata dwar kif jiġi komputat it-terminu u kjarament ġiet indotta fl-iżball peress li ma ħaditx konjizzjoni tad-dispożizzjonijiet legali appena ċitati u jidher li ħadd, la d-difiża u anqas l-Avukat Ġenerali f’dik il-kawża, ma ġibed l-attenzjoni ta’ dik il-Qorti għad-dispożizzjonijiet legali relevanti.

**12.** Fis-sentenza Pulizija v Biagio Muscat, iżda, l-istess Qorti preseduta mill-istess Imħallef kjarament inkludiet l-ewwel jum li fih ġew riċevuti l-atti mill-Avukat Ġenerali fit-terminu tal-appell. Di fatti, f’dik is-sentenza l-Qorti saħqet li “l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta r-rikors ta’ l-appell tiegħu fi żmien tmient ijiem tax-xogħol <u>minn dak inhar li rcieva l-Atti tal-kawża</u>” (sottolinjar ta’ dik il-Qorti). U jekk dan ma kienx

[1]Ara r-regolament 9(2) tar-regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta’ Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra), Avviż Legali 139 tal-2004 kif emendat (Leġ. Suss. 12.21), applikabbli għall-qrati ta’ ġustizzja kriminali bir-regolament 2 tar-Regolamenti ta’ l-2004 dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra), Avviż Legali 138 ta’ l-2004 (Leġ. Suss. 9.09).

[2]Art 5(1) tal-Kap 252 u l-Iskeda annessa miegħu

[3]Regolament 9(2) Leġ. Suss. 12.21 applikabbli għall-qrati ta’ ġustizzja kriminali bir-regolament 2 tal-Leġ. Suss. 9.09

[4]Il-Ħadd skont il-liġi hi btala pubblika (Art. 5 Kap 252) waqt li fis-Sibtijiet ir-Reġistru hu magħluq (Reg. 9(2) Leġ. Suss. 12.21, Reg. 2 Leġ. Suss. 9.09).

ċar biżżejjed aktar tard fis-sentenza żiedet tgħid b'riferenza għall-Avukat Ġenerali "dana għandu terminu fatali ta' tmient ijiem tax-xogħol minn dak inhar illi rċieva l-Atti tal-kawża u mhux mill-għada li jkun irċevihom". (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan hu proprju dak li ma jridx l-artikolu 102 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili applikabbli għall-proċeduri penali bl-artikolu 520(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Iż-żewġ kodiċijiet iridu proprju l-oppost u ċioe' li l-ġurnata stabbilita li minnha jibda jgħodd it-terminuma tingħaddx bħala mdaħħlafit-terminu. Jiġi notat li dik il-Qorti fis-sentenza tagħha ma għamlet ebda riferenza għall-artikolu 102 tal-Kap 12 u għall-artikolu 520(1)(b) tal-Kap 9 u ħadd mill-partijiet, anqas l-Avukat Ġenerali, ma ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-istess artikoli.

**13.** Il-konklużjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta in kwantu għal kif jiġi komputat it-terminu tal-appell tal-Avukat Ġenerali fil-kawża fl-ismijiet Pulizija v Biagio Muscat hi għalhekk kjarament u manifestament żbaljata u tmur diammetrikament oppost għal dak li trid il-liġi u ċioe' li d-*dies a quo* ma għandux jgħodd fil-komputazzjoni tat-terminu.

**14.** Is-sentenza sussegwenti ta' din il-Qorti, wkoll diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Stepħen John Ciantar Barbara, fejn il-Qorti kif kienet preseduta fil-kawża Pulizija v Biagio Muscat u fil-kawża Pulizija v Alexander Cachia Żammit, kull ma għamlet il-Qorti hu li straħet interament fuq is-sentenza preċedenti tagħha fil-kawża ta' Biagio Muscat u rrepetiet bla ebda kunsiderazzjoni ġdida li t-terminu tal-appell tal-Avukat Ġenerali "jibda għaddej minn dakinhar illi l-Avukat Ġenerali jkun irċieva l-atti u mhux mill-għada"; konklużjoni li, kif ġia intwera, hi għal kollox żbaljata u mhux konformi ma dak li trid il-liġi.

**15.** Għalhekk, l-Avukat Ġenerali għat-tenur tal-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali kellu tnax-il jum tax-xogħol żmien "li jibdew jgħoddu ...

għall-Avukat Ġenerali, minn dakinhar lil jirċievi l-atti". Skont il-verbal tal-21 ta' Lulju 2017 il-partijiet qablu li l-Avukat Ġenerali rċieva l-atti fil-15 ta' Frar 2017. Skont l-artikolu 102 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, applikabbli għall-proċeduri penali bl-artikolu 520(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħlaf'dak iż-żmien u għalhekk it-terminu jibda jingħadd mill-għada 16 ta' Frar 2017. Peress li l-ġranet tat-18 u d-19 ta' Frar, u dawk u tal-25 u 26 ta' Frar 2017 ma kienux ġranet tax-xogħol għaliex kienu jaqgħu is-Sibt u l-Ħadd it-tnax il-jum tax-xogħol kienu jiskadu fit-3 ta' Marzu 2017 li kien l-aħħar jum li fih seta' jiġi preżentat l-appell u fil-fatt l-appell tal-Avukat Ġenerali ġie preżentat f'dak il-jum u għalhekk hu entro t-terminu legali.

**16.** Din l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti hi għalhekk infondata.

**17.** Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-appellati jeċċepixxu in-nullita' tal-appell tal-Avukat Ġenerali għaliex isostnu li l-appell kellu jiġi preżentat fir-Reġistru ta' Għawdex u mhux fir-Reġistru ta' Malta u dan, skont l-appellanti, għat-tenur tal-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-leġislazzjoni sussidjarja Regolamenti Dwar il-Proċedura Kriminali (Regolamenti tar-Reġistri, Arkivji, u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra" (A.L. 138/2004 kif wara emendat; L.S. 9.09).

**18.** Din l-eċċezzjoni wkoll tirrażenta l-fieragħ għaliex il-pożizzjoni legali li temana mil-liġi u r-regolamenti hija pależament ċara u inekwivoka.

**19.** Ir-regolament 3(1)(2)(a) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra), Avviż Legali 138 ta' l-2004 (Leġ. Suss. 9.09) jipprovdi li f'Malta il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkolhom reġistru wieħed li għandu

jissejjaħ "Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta" li għandu jinsab fid-Diviżjoni tal-Qrati tal-Ġustizzja fil-Belt Valletta. Dan ir-Reġistru hu kompetenti (ċioe' jista') jirċevi kull att ġudizzjarju, atti bil-miktub u dokumenti oħra, li għandhom jiġu preżentati quddiem, *inter alia*, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-ġurisdizzjoni superjuri u inferjuri tagħha.

**20.** L-appell fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha u kif jirriżulta mit-timbru fuq l-ewwel faċċata tal-istess appell gie preżentat fir-Reġistru Qrati Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta u għalhekk ġie korrettement riċevut minn dak ir-reġistru konformement mar-regolament appena ċitat.

**21.** Jibqa' jiġi kunsidrat jekk l-appell ġiex korrettement preżentat mill-Avukat Ġenerali meta ġie preżentat fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ġurisdizzjoni inferjuri. L-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li l-appell (kemm tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-persuna misjuba ħatja) jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Hekk ġara. Jidher li l-appellat isostni li in forza tas-subregolament (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Ezekuttivi tal-Qorti Oħra) l-Avukat Ġenerali kien obbligat jippreżenta l-appell tiegħu fir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, Għawdex. Dak ir-regolament, iżda, ma jgħid xejn minn dan. Jgħid biss li dak ir-Reġistru "jkun kompetenti" jirċevi atti li għandhom jiġu preżentati quddiem, *inter alia*, il-Qorti tal-Appell Kriminali, ġurisdizzjoni inferjuri, li tkun qed tisma' appelli mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Dak l-artikolu ma jipprovdix li l-appell tal-Avukat Ġenerali <u>għandu</u> jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, Għawdex iżda jipprovdi biss li dak ir-reġistru hu kompetenti, u ċioe' <u>jista'</u>, jirċievi l-atti tax-xorta msemmija fl-istess regolament.

**22.** Huwa l-artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali li jirregola kif <u>għandu</u> jsir l-appell, kemm tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-persuna misjuba ħatja, u dan jipprovdi li l-appell għandu jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Hekk sar f'dan il-każ għaliex l-appell tal-Avukat Ġenerali sar fil-Qorti tal-Appell Kriminali. Ġie preżentat fir-Reġistru Qrati Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta.Dan ir-Reġistru hu kompetenti (ċioe' jista') jirċevi kull att ġudizzjarju, atti bil-miktub u dokumenti oħra, li għandhom jiġu preżentati quddiem, *inter alia*, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-ġurisdizzjoni superjuri u inferjuri tagħha. Mela meta l-appell ġie preżentat f'dak ir-reġistru ġie preżentant konformement mal-liġi. Għalhekk assolutament ma hemm ebda lakuna fil-liġi jew fir-regolamenti f'dan ir-rigward.

**23.** Salv dak li ser jingħad dwar l-artikolu 419(2) tal-Kodiċi Kriminali, għar-rigward ta' appelli minn kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), iżda, ir-rikors ta' appell "jista'" jiġi preżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti u jintbagħat permezz tar-reġistratur lir-reġistratur tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Iżda din hi biss faklutattiva u ma jkun hemm xejn irregolari jekk l-appell jiġi preżentat fir-Reġistru Qrati Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta kif fuq spjegat.

**24.** B'danakollu, fil-każ ta' appell mill-Avukat Ġenerali, l-artikolu 419(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi tassativament li taħt piena ta' nullita' ir-rikors ta' appell "għandu" jiġi ippreżentat mill-ewwel fil-qorti superjuri. Il-qorti superjuri li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 419(2) imsemmi indubbiament hi il-Qorti tal-Appell Kriminali. Kuntrarjament għall-Qorti tal-Maġistrati, fejn hemm il-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżira ta' Malta u oħra għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna[5], Qorti tal-Appell Kriminali hemm waħda biss, għalkemm għandha żewġ kompetenzi

[5] Art. 367(2) tal -Kodiċi Kriminali

waħda superjuri u oħra inferjuri[6]. Ma hemm ebda Qorti tal-Appell Kriminali għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.

**25.** Kif ġia rilevat, ir-regolament 3(1)(2)(a)tar-regolamenti magħmula bl-Avviż Legali 138/2004jipprovdi li r-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ta' Malta hu kompetenti jirċevi kull att ġudizzjarju, atti bil-miktub u dokumenti oħra, li għandhom jiġu preżentati quddiem, *inter alia*, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fil-ġurisdizzjoni superjuri u inferjuri tagħha. Għalhekk meta l-appell tal-Avukat Ġenerali ġie preżentat fir-reġistru msemmi ma sar xejn irregolari u kollox sar konformi mal-liġi. Il-fatt li r-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, Għawdex, hu wkoll kompetenti li jirċievi atti ġudizzjarji li skont xi liġii għandhom jiġu preżentati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ġurisdizzjoni inferjuri li tkun qed tisma' appell mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[7] ma jbiddel xejn, anqas nitfa, minn dak premess.

**26.** Din it-tieni eċċezzjoni hi għalhekk respinta wkoll.

Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet tal-appellant huma miċħuda u l-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imħallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

---

[6] Art. 498(1) tal-Kodiċi Kriminali
[7] Regolament 4(2)(a) Avviż Legali 138/2004